**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 64**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 11 ta' Settembru 2023 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Daniel Ablett – Kunsillier
Ralph Puli - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku
Carmelo Cuschieri – Kunsillier

**ASSENTI**

George Muscat - Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppresieda l-laqgħa.

**64.1** Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 62, liema Minuti kienu ċċirkolati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

**64.2** Komunikazzjoni mis-Sindku

**64.2.1** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li Aktar kmieni l-ġimgħa li għaddiet saret site inspection fil-Mitħna, mill-Kumpanija li se tkun qed tagħmel ir-restawr. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel eżerċizzju ta' pest control minħabba l-ammont ta' ġrieden li sibna. Huwa ppjanat li sal-aħħar tal-ġimgħa se jibda jintrama l-hoarding.

**64.2.2** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill għadu qed jistenna il-playing equipment għal Ġnien Tumas Fenech. Jidher li x-xogħol se jkun qed jinbeda ħmistax oħra. Kunsillier Daniel Ablett staqsa jekk hux se jkunu qed isiru gradi li jingħalqu. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li f'dan l-istadju x-xogħol li se jsir huwa t-tibdil tar-rubber flooring u playing equipment biss u jekk isiru gradi xorta waħda jistgħu jaqbżu. Il-Kunsillier Daniel Ablett qal li huwa mportanti li l-Kunsill ikollu persuna responsabbli mill-ftuħ u l-għeluq tal-bandli.

**64.2.3** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-Urban Development Funds, rigward Ġnien iz-Zghozija u Ġnien de la Cruz, Is-Sindku nfurma li l-Kunsill dam ftit mhux ħażin jistenna l-clearance tal-MCCAA.

**64.2.4** Is-Sindku nfurma dwar il-problema tal-containers u vetturi fil-widien tal-lokalita'. Matul il-ġimgħat li għaddew għaddejna korrispondenza lil LESA, Pulizija u Transport Malta dwar il-containers u trakkijiet mitluqin fil-widien tagħna. Ma jistax ikun li l-widien tagħna jibqgħu

jintużaw bħala container depot mill-burdnara. Tressaq rapport quddiem l-ERA dwar il-crane u l-pallettes li hemm mormija fil-parti l' privata ta' Pawlu tat-travi. La issa din l-art ġiet dikjarata privata, s-Sur Magri għandu l-obbligu li jnaddaf u jtella' ħajt biex jagħlaq l-aċċess. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill ħallas flejjes addizzjonali sabiex jingħata servizz li suppost jingħata ta' kuljum. Is-Sindku Josef Masini Vento qal li se jkun qed jitlob rapport ta' x'inħarġu ċitazzjonijiet.

64.2.5 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento fakkar lill-membri li għada se tinżamm is-Serata fl-okkazjoni tal-170 Anniversarju mit-twelid ta' Ġuze Muscat Azzopardi, f'Misraħ il-Kittieba, taħt il-patroċinju distint tal-ET il-President tar-Repubblika. Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier Doris Zammit li qed tieħu ħsieb l-organizzar ta' din l-attivita'.

64.2.6 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Ħamis se tinżamm il-ġita fi Sqallija. Għandna numru sabiħ ta' residenti li se jattendu għal din il-ġita.

64.2.7 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li fuq inizzjattiva tas-Segretarju Ezekuttiv, f'Ottubru se jibdew sessjonijiet ta' taħriġ in-house għall-impjegati tal-Kunsill. Dan it-training se jkun qed ikopri temi relatati mal-ħidma tal-impjegati, fosthom:

Kodiċi ta' Etika għall-impjegati
Il-Liġi tal-GDPR
Il-Liġi tal-Kunsilli Lokali
Public Procurment

Dan it-training se jkun qed isir mis-Sur Paul Galea u s-Sur Adrian Mifsud.

64.2.8 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li nhar il-Ġimgħa 29 ta' Settembru se ssir żjara mill-Onorevoli Ministru Aaron Farrugia f'Ħal Qormi, fejn se jkun qed idur it-toroq li qed isiru minn Infrastructure Malta, fosthom Triq id-Deheb Fin, Triq id-Dielja, Triq il-Ħarifa u Triq l-20 ta' Jannar.

64.2.9 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li nhar l-Erbgħa, 4 t'Ottubru se tinżamm laqgħa mas-Segretarju Permanenti tax-Xogħlijiet Pubbliċi

dwar xogħlijiet fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku nfurma li x'aktarx se jkunu qed isiru xi xogħlijiet fit-triq, iżda m'għandu l-ebda dettalji speċifiċi. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li jekk f'każ li jkun se jsir resurfacing ta' Triq il-Mitħna, tinġibed l-attenzjoni sabiex ma jintefax piż ta' traffiku fuq Triq Dun Rene Cilia.

**64.3 Ħwejjeġ Oħra**

**64.3.1** Il-Kunsillier Daniel Ablett ippropona li l-proġett ta' fanali ġodda fi Triq il-Kbira, jiġi estiż għall-kumplament tat-triq.

**64.3.2** Il-Kunsillier Doris Zammit ipproponiet li jsiru fanali ornamentali fi Sqaq il-Misraħ nru 1.

**64.3.3** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li fil-11 t'Ottubru se tinżamm laqgħa dwar id-Dementia

**64.3.4** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li fil-11 t'Ottubru se tinżamm laqgħa dwar id-Dementia

**64.3.5** Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li fis-16 t'Ottubru se tinżamm laqgħa minn Podiadric dwar il-kura tas-saqajn

**64.4 Quarterly Financial Report – 2nd Quarter**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-Quarterly Financial Report għat-tieni kwart tas-sena, fejn infurmat li l-Kunsill għalaq it-tieni kwart b'deficit ta' € 70,000. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-akbar spejjeż huma relatati mas-servizz ta' Ġbir ta' Skart, Attivitajiet Kulturali/Soċjali u ż-żamma u manutenzjoni tal-ġonna u soft areas. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill f'dan l-istadju għandu jnaqqas mill-infiq. Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li ssir reviżjoni tal-budget as at 31st August 2023, sabiex il-Kunsill ikollu stampa ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja. Il-Kunsillier Marvin Zammit talab li ssir laqgħa mal-Accountant tal-Kunsill sabiex jiġu identifikati d-diffikultajiet finanzjarji li għandu l-Kunsill.

**64.5 Tenders u Rapporti ta' Evalwazzjoni**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ħadet parir tekniku dwar id-deċizjoni tal-Kunsill, rigward it-tender. Ġie approvat li t-tender tingħata lil dak il-kuntrattur li ġab l-akbar persentaġġ fit-teknika.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda r-Rapport ta' Evalwazzjoni għat-tender *'Cleaning and Maintanance of Public Conveniences'* u ġie maqbul li t-tender tingħata lic-cheapest and technically compliant.

**64.6 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Ezekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Awissu 2023.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet

Il-Kunsillier Daniel Ablett ssekonda.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**64.7 Mozzjoni Nru 117 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Peress li fir-round about ta' hdejn l-Erba' Qaddisin, minn żewġ karreġġati, ġiet bi tlieta, u billi hemm stabbiliment kummerċjali li prattikament qed jieħu lane, minn tlieta u waħda minn tnejn aktar l' fuq sabiex jidhħu fl-istabbiliment Pavi, għandha ssir komunikazzjoni lill-istess stabbiliment u kif ukoll lill-Awtorita' tat-Transport, flimkien mal-Awtorita' tal-Artijiet, sabiex ma jibqax ikun hemm konġestjoni tat-traffiku fi Triq Manuel Dimech u fir-roundabout.

Dan għandu jiġi msaħħaħ bi studju ta' mmaniġjar tat-traffiku, sabiex ġaladarba, l-istess entita' Pavi, se tkun qed tieħu bicca mill-art tan-Nylon Knitting li finalment hija art tal-gvern, isir pjan sabiex it-traffiku jinheles minn mar-round about tal-erba' qaddisin sal-entratura tal-Pavi.

Azzjoni hija mehtiega sabiex ma jigix aktar ostakolat it-tmexxija tat-traffiku, billi sabiex jingabar l-ilma ta' b'xejn u d-dhul ghal kumpless huma fl-istess passaġġ.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** qal li meta kienet inżammet il-laqgħa ma' Infrastruttura Malta, kien issemma l-ħsieb li jsiru żewġ flyovers fiz-zona tar-roundabout ta' Triq l-Erba' Qaddisin u oħra fiz-zona bejn Ħal Luqa u Ħal Qormi.

**64.8 Ilmenti u Suġġerimenti**

**64.8.1** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet tal-ARTi għat-tfal.

Il-Kunsillier Daniel Ablett ppropona li ssir żebra crossing fi Triq l-Isqof Scicluna, quddiem il-grocer.

Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li ġie avviċinat minn residenti li jgħix fi Triq il-Kbira dwar problema li qed ikollu bl-ilma tax-xita. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dan il-każ ilu jitressaq minn bosta kunsilliera, iżda r-resident mhux jgħid li l-ilma qed jidħollu minn sprall tal-kantina privata tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-arja ta' kantina ma tistax tingħalaq, minbarra l-fatt li l-Kunsill Lokali ma jistax jidħol fil-privat.

Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li kellu bosta rapporti dwar vettura mitluqa fi Triq Ġuze Duca.

**64.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 3 ta' Ottubru 2023, fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 3 ta' Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |